# DEĊIŻJONIJIET TAL-QRATI SUPERJURI TA' MALTA

# L-EWWEL PARTI QORTI KOSTITUZZJONALI

**13 ta' Jannar, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph Mary Vella *et*

*versus*

Il-Kummissarju tal-Pulizija *et*

**Provi (Evidenza) – Xhieda – *Hearsay* – Valutazzjoni ta' – Ammissibilità ta' Eċċezzjoni dwar Sigriet Professjonali**

*Appell minn digriet interlokutorju dwar l-ammissibilità ta' xhud. F'kawża pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għar-rimedju minħabba ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, konsistenti, fl-arrest illegali u assoġettazzjoni tagħhom għal minaċċi, swat u tortura, dawn talbu li jipproduċu bħala xhud prokuratur legali biex jixhed dwar fatti rilevanti li kien sema' mingħand terza persuna fil-kors ta' l-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu mingħajr ma jiżvela l-identità ta' l-istess. Il-Prim'Awla*

*ppermettiet tali xiehda; il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Ix-xhud ma setax jisvela l-isem tal-persuna li kienet tatu l-informazzjoni billi kien marbut bis-sigriet professjonali. Kellu biss il-permess minn dik il-persuna li jixhed il-fatti lilu rakkontati. Tali xiehda tikkostitwixxi "hearsay". Ir-regola li tipprojbixxi tali xiehda ma hix waħda assoluta imma soġġetta għal diversi eċċezzjonijiet. Il-Qorti tista', skond iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu konjizzjoni tagħha meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża jew jagħmel parti mill-mertu, inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra. Għalhekk ix-xiehda fil-każ preżenti kienet ammissibbli.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Lulju 1986 li biha l-imsemmija Joseph Mary Vella, George Vella u Francis Vella, wara li ppremettew:

1. Illi fit-28 ta' Novembru, 1983 huma ġew arrestati u meħudin id-Depot tal-Pulizija l-Furjana;

2. Illi fil-ġranet tad-29 u 30 ta' Novembru, 1983 l-esponenti, waqt li kienu d-Depot tal-Pulizija, ġew ittorturati bl-aktar mod krudil mill-intimati Superintendent Bonello, l-Ispettur Noel Schembri u l-Ispettur David Stubbings; u żewġ persuni oħra isimhom mhux magħruf;

3. Illi l-esponenti ġew imsawtin bla ħniena u bla waqfien għal sigħat sħaħ, bis-sieq, bl-idejn, b'siġġijiet u injamiet, b'nerv, b'mod li ġisimhom tgħatta kollu tbenġil u grif;

4. Illi l-intimati fuq imsemmija, bid-daqqiet li taw lill-esponent Francis Vella, qalgħulu spallejh minn postha u kissrulu żewġ kustilji; il-pulizija stess kellha tieħdu l-isptar, wara li ħallewh sigħat twal f'agunija ta' uġigħ;

5. Illi barra l-vjolenza fiżika kontinwa li ntużat fuqhom, l-esponenti kienu l-ħin kollu soġġetti għal minaċċji serji biex l-intimati jippruvaw jakkwistax xi informazzjoni mingħand l-esponenti u jiffirmaw konfessjonijiet;

6. Illi wara li l-ħarġu mid-Depot tal-Pulizija, l-esponenti ġew viżitati mit-tabib Dr. Anthony Galea Debono li rrilaxxa t-tliet ċertifikati mmarkati Dok. A, B u C;

7. Illi l-esponent għamlu rapport ta' dan lill-ewwel intimat, korredat biċ-ċertifikat mediċi, u talbuh biex jinvestiga l-każ u jittieħdu l-passi neċessarji, iżda baqgħu sal-lum ma ħadu ebda sodisfazzjoni (Dok. D);

8. Illi b'dan il-mod ġie vvjolat fil-konfront ta' l-esponenti d-dritt fundamentali tagħhom li ma jiġux assoġġettati għall-piena jew trattament inuman jew degradanti skond l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Talbu li dik il-Qorti tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq dak li hemm ipprovdut fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, fosthom billi tiddikjara lill-intimati ħatja ta' trattament inuman u degradanti bi ksur ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, – bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-intimati Kummissarju tal-Pulizija u ta' l-Ispetturi tal-Pulizija Noel Schembri u David Stubbings

ippreżentata fil-21 ta' Lulju 1986 li biha ssottomettew:

Illi fil-konfront ta' l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija ma hemm fir-rikors ebda allegazzjoni ta' fatt li jista' jagħti lok għat-talba għal dikjarazzjoni ta' ksur ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni invokat mir-rikorrenti;

Illi l-esponenti l-oħra jiċħdu kategorikament illi waqt l-interrogatorju li sar lir-rikorrenti huma u s-Supretendent Bonello sawtu lir-rikorrenti, ħaqruhom jew użaw xi vjolenza fuqhom, kif jinsab allegat fir-rikors;

Illi huwa sintomatiku tan-nuqqas ta' bażi fl-allegazzjonijiet tar-rikorrenti illi huma ħallew jgħaddu kważi tliet snin mill-allegati fatti biex huma jaġixxu b'din il-kawża. F'allegazzjonijiet tant serji wieħed raġenovolment jistenna, li kieku dawk l-allegazzjonijiet kienu veri, li r-rikorrenti kienu jaġixxu minnufih kif ġraw dawk il-fatti. *Di più,* meta saru allegazzjonijiet mir-rikorrenti tant żmien ilu, ir-rejazzjoni ta' l-Awtorità Pubblika kienet immedjata, u fil-Kamra tad-Deputati tpoġġa r-rapport dokumentat ta' l-inkjesta li kienet saret;

Illi għalhekk, indipendentement mid-distinzjoni tal-liġi bejn trattament inuman u trattament degradanti, it-talba tar-rikorrenti kontenuta fir-rikors tagħhom għandha fi kwalunkwe każ tiġi respinta, bl-ispejjeż kontra tagħhom;

Rat ir-risposta tas-Superintendent tal-Pulizija Carmelo Bonello ppreżentata fid-29 ta' Lulju 1986 li biha aderixxa mal-kontenut tar-riposta ġà ppreżentata mill-intimati l-oħra;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Settembru 1986 (fol. 80) li

minnu jirriżulta *inter alia* li dik in-nhar il-P.L. Mario Mifsud Bonnici kompla jixhed bil-ġurament u li Dr. Testa għall-intimati, – *in vista li skond kif qal ix-xhud* P.L. Mario Mifsud Bonnici, il-fatti li semma fix-xiehda tiegħu ta' dik in-nhar ma jafhomx di xjenza proprja imma qalithomlu persuna *injota* (ħlief għalih biss) u li rabtitu b'sigriet professjonali biex ma jisvelax l-identità tagħha u għalhekk il-fatti li semma fix-xiehda tiegħu dik in-nhar huma *dictum de dicto* u billi għall-istess raġunijiet l-intimati lanqas biss sa jkollhom l-opportunità li jagħmlu l-kontroeżami *lil din il-persuna li trid tibqa' injota* u b'hekk l-intimati mhux se jkollhom l-opportunità legali l-aktar elementari f'kull proċediment quddiem il-Qorti, li jirribadixxu bil-kontroeżami dak li jkun qed jiġi allegat kontrihom ossija fil-każ kontrihom, – għal dawn iż-żewġ raġunijiet talab l-isfilz tax-xiehda mogħtija dik in-nhar mill-P.L. Mario Mifsud Bonnici;

Rat l-imsemmija deposizzjoni tal-P.L. Mario Mifsud Bonnici;

Rat id-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili dak il-ħin stess, ċjoè fis-seduta tas-16 ta' Settembru 1986 li bih peress illi din hija kwistjoni li għandha tiġi kkunsidrata bis-serjetà waqt l-apprezzament tal-fatti li rriżultaw u li għad iridu jirriżultaw f'din il-kawża, ċaħdet it-talba;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-intimati Kummissarju tal-Pulizija; Superintendent Carmelo Bonello, Spetturi Noel Schembri, David Stubbings u Joseph Picco u s-Surġent Mario Cassar ippreżentat fit-18 ta' Settembru 1986 li bih talbu għar-raġunijiet hemm imsemmija li din il-Qorti tirrevoka d-digriet fuq imsemmi tas-16 ta' Settembru, 1986, *mogħti mill-qorti* Ċivili, Prim'Awla, fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija u tordna l-isfilz

tax-xiehda mogħtija fl-istess ġurnata mill-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-imsemmija Joseph Mary Vella *et* ippreżentata fit-30 ta' Settembru 1986 li biha għar-raġunijiet hemm esposti ssottomettew li l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellanti;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Il-fatti li wasslu għal dan l-appell jistgħu jiġu kkompendjati b'dan il-mod. Fis-seduta tas-16 ta' Settembru 1986 reġa' xehed il-P.L. Mario Mifsud Bonnici. F'din it-tieni deposizzjoni tiegħu huwa qal li minn l-aħħar deposizzjoni tiegħu huwa kien ġie avviċinat minn ċerta persuna li semmietlu bħala li kienu involuti direttament jew indirettament ċerti nies fl-allegati inċidenti, liema nies ġew indikati b'isimhom mix-xhud. Din il-persuna kienet rabtitu bis-sigriet professjonali fuq l-identità tagħhom iżda mhux fuq l-istorja li x-xhud kien semma. Id-difensur ta' l-intimati talab li din it-tieni deposizzjoni tiġi sfilzata billi kienet tammonta għal *''dictum de dicto''* u billi l-intimati kienu qegħdin jiġu pprivati mill-opportunità li jagħmlu kontroeżami lill-persuna li tat l-informazzjoni lix-xhud. L-ewwel Qorti b'digriet mogħti dik in-nhar stess ċaħdet l-imsemmija talba. L-intimati issa qegħdin jappellaw mill-imsemmi digriet;

Ikkunsidrat:

Il-prinċipju ġenerali li jirregola l-materja tal-*"hearsay evidence"* (u dak li qed jgħid l-imsemmi xhud jammont għal *"hearsay evidence")* jinsab stabbilit fl-artikolu 598(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 Edizzjoni Riveduta 1984) fejn jingħad li "bħala regola l-Qorti ma tiħux qies ta' xhieda dwar fatti li x-xhud jgħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti";

Għal dan il-prinċipju l-liġi stess tagħmel diversi eċċezzjonijiet fl-artikolu 599 ta' l-imsemmi Kodiċi fejn jingħad *inter alia* illi "l-Qorti tista', skond iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża jew jagħmel parti mill-mertu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx *jista' jinġieb biex jixhed u l-fatti jkunu tali li ma jkunux* jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra....";

Fil-kawża Francesca Seychell *et vs* Antonio Seychell *et* deċiża minn din il-Qorti fis-27 ta' Marzu 1936 (Koll. Dec. Vol. XXIX.I.570, 580) – ċitata b'approvazzjoni fil-kawża Onorevolissimo Gerald Lord Strickland *vs* Goffredo Chretien *pr. et noe,* 13 ta' Frar 1937 (Koll. Dec. Vol. XXIX.I.860, 883), din il-Qorti rriteniet, a bażi ta' l-imsemmija disposizzjonijiet tal-liġi, li d-dikjarazzjonijiet ta' nies mejta, riżultanti minn diversi xhieda li kienu semgħuhom, għandhom jiġu riċevuti għax għandhom influwenza fuq il-mertu u jistgħu jservu biex ma' provi oħra li waħedhom m'humiex biżżejjed jippruvaw l-assunt ta' l-atturi. Għaldaqstant il-ġudikant għandu jirċevihom bħala prova, għax il-liġi ma tirrikjedix kundizzjonijiet oħra barra minn dawk fuq imsemmija;

Issa, fil-każ preżenti, *si tratta* ta' deposizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identità ta' dan il-ħaddieħor. Ċertament il-kliem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti;

Għandu jiżdied kwantu għall-oġġezzjoni ta' l-appellanti li huma ġew ipprivati mid-dritt tal-kontroeżami ta' dan il-ħaddieħor mogħti lilhom b'liġi, li r-risposta għalih tinsab ukoll fis-sentenza fuq ċitata Francesca Seychell *et vs* Antonio Seychell *et* fejn ingħad: "Il-konsiderazzjoni li dawk id-dikjarazzjonijiet m'humiex b'ġurament ma tistax tiġi dejjem meħuda in kalkolu, għar-raġuni li meta l-leġislatur qal li tista' tkun ammessa prova simili kien qed jammetti prova ta' bla ġurament u li ma setax fiha jkun hemm il-kontroeżami; jekk imbagħad ix-xhieda jirriferixxu *"il detto di terze persone"* imperfettament, hija materja biss ta' apprezzament. Kieku kien xort'oħra, taħt l-ebda ċirkostanza ma kienu jistgħu jkunu riċevuti detti simili bħala prova. Għalhekk ir-risposta għall-imsemmija oġġezzjoni hija l-liġi stess tippermetti f'ċerti każijiet il-*"hearsay evidence"* u għalhekk qiegħda tippermetti prova bla kontroeżami". Fost dawn il-każijiet jaqa' għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-każ preżenti;

Naturalment, kif dejjem ġie ritenut minn dawn il-Qrati, il-ġudikant, f'każi simili, għandu juża ċirkospezzjoni kbira qabel ma jirċievi il-*"hearsay evidence"* bħala prova konkludenti;

Għal dawn il-motivi u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma d-digriet appellat bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-appellanti.

Il-Qorti tibgħat lura l-atti tal-proċess lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.